# 16 ta' Lulju 1909

Dan l-armar li żżanżan fis-16 ta' Lulju 1909 fi Triq San Kristofru fejn tispiċċa Triq Zekka fejn fiż-żmien kien hemm il-funtana li skond anzjani, fid-data ta' hawn fuq diġà ma kinitx taħdem. Dan l-armar baqa' jintrama sa l-1924 meta ġratlu xi ħsara. Dawn in-naħat li kienu waħda mill-qalbiet tad-devoti u partitarji tal-Karmnu kienu għadhom imsemmijin il-*Beċċerija* għax ftit 'l isfel kienet il-biċċerija tal-laħam fi żmien il-kavallieri. Fl-1925 il-miżżewġin Simler ħallsu n-niċċa ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li għadha sal-lum fuq il-biċċa funtana li għad hemm, l-istatwa kienet għand il-patrijiet, ġiet irrestawrata mis-Simler.

Dawn Simler ħallew din in-niċċa bl-istatwa f'idejn il-Patrijiet tal-Karmnu kif jidher mal-lapida li hemm taħt il-Madonna tal-Karmnu. Ir-raġel kien Ingliż u meta ra d-devozzjoni wara l-vara fis-16 ta' Lulju 1924 iddeċieda li jsir Kattoliku u meta sar jaf li dan l-armar ma kienx se jintrema iżjed allura għal kuljum u dejjem ħallas in-niċċa li llum hemm fi Triq San Kristoforu fejn tispiċċa Triq Zekka.

Ħaġa li tajjeb tkunu tafu hija li dik l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tidher fir-ritratt għadha teżisti u tintrema fis-Santwarju fl-aħħar dehra ta' Fatima fit-13 ta' Ottubru. Peress li l-Madonna dehret liebsa ta' Karmelitana allura l-ħabrieki P. Franġisk Grech O. Carm. ħadem biex ġiet irrestawrata din l-istatwa u poġġewha fuq sħaba bit-tlett itfal rgħajja flimkien ma' żewġ nagħġiet.

Hawn min jgħid li din l-istatwa hija waħda mill-ewwel xogħlijiet ta' Karlu Darmanin li kien għadu fil-bidu tiegħu. Għad fadal xi biċċiet minn dan l-armar bħal pereżempju l-pedestall ta' Sant'Elija. Iż-żewġ kolonni ta' barra u l-vażuni ta' l-injam li hemm fuq l-altar, iż-żewġ *nome di Marija* tal-ħadid li kuljum għadhom iżommu t-tazzi taż-żejt mixgħula quddiem is-santwarju.

PMS


## Ġurnata Speċjali għal Foggia

*Ma' Mousù Travel Services*



Inżuru lill-Qaddis Piju tal-Pjagi ġo S. Giovanni Rotondo

8 ta' Settembru.

**Ċemplu issa fuq: 2123 0301, 2155 6686**
**Fax: 2123 0301**


MATER ET DECOR CARMELI
T. BROWN PHOTO
MALTA